# Il-Bidu tal-Qima lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor



kitba ta' Joe Chetcuti

**Jekk ikollna nitkellmu minn storjografu Slimiż li tabilħaqq xandar u ppropaga permezz tal-kitba l-istorja tal-qima lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor, irridu nsemmu lill-Patri Ġużepp Vella OFM. Dan il-patri, li llum għandu ftit anqas minn sebgħin sena, għamel snin twal residenti fil-kunvent tal-Patrijiet Minuri ta' Tas-Sliema fejn, barra li kien Sagristan Maġġur fil-knisja parrokkjali tas-Sacro Cuor għal xi għoxrin sena, ġieli anke kien superjur ta' l-istess kunvent. Bdejt dan l-artiklu qasir tiegħi b'din in-nota bijografika għax it-tagħrif li se nagħti hawn isfel huwa kollu kemm hu msejjes fuq ix-xogħlijiet storiċi li b'maestrija u b'mod xjentifiku Patri Ġużepp ippubblika fil-ktieb *Il-Madonna u tas-Sliema* (Editur: P. Raniero Zammit OFM Kap. - 1988) u f'diversi ħarġiet ta' *Leħen il-Banda Cittadina Sliema*.**

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor hi mxerrda f'bosta pajjiżi mhux biss fl-Ewropa imma anke fl-Amerika Latina, fil-Ġappun, u anke fl-Awstralja. Id-devozzjoni lejn is-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù bdiet fis-seklu dsatax ġewwa l-belt ta' Issouden fi Franza. Kien is-saċerdot żagħżugħ P. Julius Chevalier li, imħeġġeġ kif kien kemm lejn il-Qalb ta' Ġesù kif ukoll lejn il-Verġni Mbierka, għaqqad iż-żewġ devozzjonijiet flimkien billi ħoloq titlu ġdid lill-Madonna. Dan it-titlu kien *Is-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù*. Milli jidher il-Madonna riditha din id-devozzjoni, għax P. Chevalier sab benefattur li beda jgħinu finanzjarjament biex ikun jista' jmexxi u jxerred din id-devozzjoni l-ġdida. Mhux biss, imma ma' P. Julius ingħaqdu saċerdoti oħrajn u bejniethom iffurmaw Għaqda li bdiet tissejjaħ *Is-Soċjetà tal-Missjunarji tal-Qalb ta' Ġesù*. Fl-1859, din l-Għaqda tat il-bidu biex tinbena knisja li l-altar prinċipali jkun iddedikat lis-*Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù*. Il-knisja nbniet u tlestiet minn kollox u f'din l-ewwel bażilika ta' Issauden tinsab l-ewwel statwa inkurunata tal-Madonna tas-Sacro Cuor.



*Dun Pawl Vella – Il-bniedem li beda d-devozzjoni f'Tas-Sliema*

Fis-sena 1862, P. Julius Chevalier ippubblika l-ewwel ktieb dwar din id-devozzjoni l-ġdida, ktieb li għen ħafna biex il-qima lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor tinxtered bħal leħħa ta' berqa mhux biss ma' Franza kollha imma wkoll ma' ħafna pajjiżi ta' l-Ewropa. Fl-Italja d-devozzjoni bdiet f'Como fis-sena 1874. Is-Santwarju ta' Como li hu ddedikat lill-Madonna tas-Sacro Cuor, ġie ddikjarat Monument Nazzjonali fl-1912. Santwarji oħra ġewwa l-Italja, kollha kemm huma ddedikati lis-*Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù* insibuhom f'Ruma, Firenze, Osimo, Conato, u anke fi Sqallija ġo Barrafranca.

Santwarji oħra nbnew fl-Olanda, fl-Awstrija u fi Spanja. Saħansitra fl-Indja bdiet tinxtered id-devozzjoni lejn il-Madonna tas-Sacro Cuor. Il-pittur magħruf Ranganetha Puran pinġa lill-Madonna tas-Sacro Cuor fuq stil Indjan, liema kwadru għen biex tinxtered id-devozzjoni. Is-santwarju tal-Madonna tas-Sacro Cuor fl-Awstralja jinsab fil-belt ta' Kensington fl-istat ta' N.S.W.

Naturalment, devozzjoni ġdida tikber u tiffjorixxi daqskemm jinqalgħu grazzji permezz tad-devozzjoni. Ma kienx jgħaddi jum wieħed biss li P. Chevalier ma kienx jirċievi għadd imdaqqas ta' ittri li jikkonfermaw grazzji maqlugħa bl-interċessjoni tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù. Dan l-għadd kbir ta' grazzji maqlugħa kien sinjal ċar kemm il-Madonna riedet li l-poplu jqimha taħt dan it-titlu. U biex dawn id-devoti ma jħossux lilhom infushom bħala persuni iżolati, kulħadd għar-rasu, inħasset il-ħtieġa li dawn id-devoti jkunu mxierka f'Konfraternità. Għaldaqstant, fis-sena 1864, ġiet imwaqqfa l-*Konfraternità tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù*. Din il-konfraternità malajr nxterdet f'ħafna pajjiżi wkoll.

Il-gżira tagħna ta' Malta, li minn meta l-appostlu Pawlu żergħa fiha l-Fidi Nisranija dejjem tat qima kbira lil Ommna Marija, ma setax jonqos li taċċetta din id-devozzjoni marjana ġdida. Fl-1874, il-konfraternità ġiet imwaqqfa kanonikament fil-parroċċa tal-Furjana, u sena wara, fl-1875, il-Konfraternità ġiet stabbilita wkoll f'Ħaż-Żabbar. Il-Madonna riedet li ċ-ċentru tad-devozzjoni lejha taħt it-titlu tas-*Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù ikun f'Tas-Sliema*. Hekk fis-sena 1877, mhux biss twaqqfet il-Konfraternità, imma bdiet tinbena l-ewwel knisja f'Malta ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu tassew għażiż.